

Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa:

Gwida għas-sit web
għall-organizzaturi
tal-avvenimenti



Conference
on the **Future**
of **Europe**

1 X'għandek tagħmel qabel toħloq avveniment

Aqra l-Karta tal-Konferenza

Il-Karta telenka serje ta' valuri u prinċipji, li daww kollha li jipparteċipaw f'avvenimenti organizzati bħala parti mill-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa għandhom jikkonformaw magħhom. Hija r-responsabbiltà tal-organizzatur tal-avveniment li jiżgura li l-Karta tkun magħrufa ma' u rrispettata min-nies li jieħdu sehem fl-avveniment.

Igħbor l-informazzjoni kollha li għejja:

- Titlu
- Deskrizzjoni (inkluż il-fokus tal-avveniment u għal min hu)
- Tip ta' avveniment (online, personalment jew it-tnejn)
- Indirizz
- Post
- Dettalji tal-post
- Data, ħin tal-bidu u tat-tmiem
- Kategorija
- URL għar-reġistrazzjoni (Link għas-sistema ta' reġistrazzjoni esterna)

2 Kif toħloq avveniment

Oħloq l-Avveniment Tiegħek

Titlu *

Deskrizzjoni *

Tip *

Jekk jogħġbok agħżel it-tip ta' laqgħa

Indirizz *

Sabiex l-avveniment tiegħek jidher fuq il-mappa, għandek tipprovdi indirizz postali, anki jekk ikun avveniment online. L-indirizz jista' jkun limitat għall-kodiċi postali u l-pajjiż. Eżempju: "Rue de la Loi 200, 1000 Brussels, Belgium".

Pass 1: Agħżel it-tip ta' avveniment

Fuq il-pjattaforma tal-Konferenza, tista' tagħżel bejn tliet tipi ta' avvenimenti: personalment, online jew it-tnejn (ibridu). Ladarba tkun għażilt tip ta' avveniment, skont dak li tkun għażilt, jintwerew l-oqsma kondizzjonali:

Avvenimenti personalment :

- Indirizz (eż. "Rue de la Loi 200, 1040 Bruxelles, il-Belġju")
- Post (eż. "Il-Kummissjoni Ewropea")
- Suġġerimenti tal-post (eż. "viċin l-istazzjoni tal-underground Schuman")

Avvenimenti online jew ibridi:

- Indirizz (biex l-avveniment tiegħek jintwera fuq il-mappa tal-avvenimenti, sempliċement indika ż-żona lokali tal-organizzazzjoni tiegħek)
- Post
- Suġġerimenti tal-post (eż. suġġerimenti dwar kif taċċessa l-avveniment online)
- URL tal-laqgħa online

Pass 2: Agħżel kategorija

Agħżel waħda mill-kategoriji tas-suġġetti li l-aktar tapplika għall-avveniment tiegħek. Dan jippermetti lill-utenti li qed ifittxu l-avvenimenti skont it-tema jsibu l-avveniment tiegħek.

Pass 3: Ipprovi informazzjoni dwar kif tirreġistra għall-avveniment tiegħek

Jekk tixtieq tippermetti r-reġistrazzjoni għall-avveniment tiegħek, dan għandu jsir fuq pjattaforma differenti. Jidher qasam fejn tintalab link għas-sistema ta' reġistrazzjoni esterna. Innota li, kif hemm imsemmi fuq il-pjattaforma, meta tuża sistema ta' reġistrazzjoni esterna, int tirrikonoxxi wkoll li l-organizzaturi tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa m'huma taħt l-ebda ċirkostanza responsabbli għad-data mitluba minn u pprovduta mill-utenti permezz ta' dan is-servizz estern.

Pass 4: Aqra l-Karta u mbagħad immarka l-kaxxa biex tiċċertifika li qrajt u aċċettajt li tikkonforma mal-Karta

Pass 5: Is-sottomissjoni tal-formola

Ladarba tkun imlejt il-formola tal-avveniment u vverifikajt il-kontenut tagħha, tinsieħ tikklikkja fuq "Oħloq".

Pass 6: Wara li tissottometti l-formola

Ladarba l-formola tal-avveniment tiegħek tkun ġiet sottomessa, tista' tiċċekkja li l-avveniment tiegħek jidher fuq il-mappa. Innota li l-ikoni u l-kuluri ġew miżjuda fuq il-mappa sabiex tiddistingwi avvenimenti personalment, online u ibridi. Int tkun tista' tiffiltra biex issib avvenimenti differenti organizzati mill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jew minn organizzaturi oħra ta' avvenimenti bħalek. Se tkun tista' wkoll tiffiltra skont il-kategorija, biex tkun tista' ssib avvenimenti fuq it-temi li inti l-aktar interessat fihom.

③ Kif noħloq rapport dwar avveniment?

Ladarba avveniment ikun intemm, ikun kruċjali toħloq rapport dwaru biex il-Konferenza tkun effettiva. Ir-rappurtar jippermetti lill-organizzatur tal-avveniment jiddokumenta r-riżultati tad-diskussjonijiet li mbagħad jiġu kkunsidrati fl-analiżi li jwassal għal feedback xieraq u għal segwitu. Dan jgħin jiżgura proċess tassew trasparenti li fih il-parteċipanti jaraw ir-riżultati tal-ħin li qattgħu fl-avveniment tiegħek.

B'mod partikolari, dan jgħinek tistabilixxi rabta bejn l-avveniment tiegħek u l-parteċipazzjoni diġitali fuq il-pjattaforma billi tipprovi sommarju tal-iskambji u tassoċja l-ideat li ħarġu mill-avveniment. Il-konnessjoni tar-rapport u l-ideat mal-avveniment innifsu huwa pass importanti.

Kif nippubblika ideat mill-avveniment tiegħi?

Qabel ma tkun tista' tgħaqqad l-avveniment mal-ideat, ikollok tippubblika dawn l-ideat.

Il-pubblikazzjoni tal-ideat hija kruċjali. Il-parteċipanti se jkunu jridu jsegwu l-ideat tagħhom, jiddiskutuhom ma' oħrajn u jelaboraw fuqhom.

Dawn huma l-passi biex tippubblika idea:

1. Mur fuq il-paġna tal-ideat fl-ispazju parteċipattiv fejn ġie ppubblikat l-avveniment
2. Ikklikkja fuq "Idea ġdida +"
3. Imla t-titlu u d-deskrizzjoni tal-idea
4. Agħżel kategorija
5. Żidd immaġni mal-karta tal-proposta u/jew hemża (fakultattiv)
6. Qabbel l-idea tiegħek ma' ideat oħrajn dwar l-istess suġġett
7. Lesti u ppubblika

Biex torbot dawn l-ideat mal-avveniment, trid tikklikkja fuq il-buttuna "Agħlaq l-avveniment" fuq il-paġna tal-avveniment. Aktar dettalji jistgħu jinsabu hawn taħt.

Agħlaq l-avveniment

Report *

Ideat

Agħżel ideat

Agħlaq l-avveniment

X'għandu jkun fih ir-rapport tiegħi?

Rapport tal-avveniment għandu jagħti lil kulħadd ħarsa ġenerali lejn x'għara waqt l-avveniment tiegħek. Dawn huma l-**elementi li jkunu ta' għajjnuna għal analiżi konsistenti**:

- Kuntest, skop, suġġett u struttura/metodoloġija tal-avveniment (eż. workshop parteċipattiv, spazju miftuħ, kafetterija dinjija – Ara l-“Gwida Pass Pass għall-Organizzaturi tal-Avvenimenti”);
- Numru u tip (pubbliku ġenerali jew speċifiku bid-dettalji jekk possibbli) tal-parteċipanti preżenti;
- Jekk disponibbli, informazzjoni demografika dwar il-parteċipanti (eż. età, sess, eċċ.);
- Suġġetti ewlenin diskussi waqt il-workshops;
- Ideat ewlenin issuġġeriti mill-parteċipanti waqt il-workshops u n-narrattivi u l-argumenti kondiviżi jew diskussi li wasslu għalihom;
- Atmosfera ġenerali u segwitu mistenni.

Kif intella' r-rapport?

PASS 1:

Ikklikkja fuq il-buttuna “Agħlaq l-avveniment” fuq il-paġna tal-avvenimenti.

PASS 2:

Meta tikklikkja fuq din il-buttuna, tiġi ridirett lejn formola li turi żewġ oqsma: ir-“Rapport” tal-avveniment (fejn tista' tikteb ir-rapport tal-avveniment) u t-taqsima tal-“Ideat”.

PASS 3:

Fil-qasam tal-“Ideat”, agħżel l-ideat li ħarġu mil-laqqgħa (u li ppubblikajt qabel) billi tikklikkja fuqhom. Dan jippermettilek tgħaqqad l-ideat mal-avveniment tiegħek u tagħmel l-ideat jidhru bħala proposti elaborati matul l-avveniment tiegħek.

PASS 4:

It-tieqa “Agħżel ideat” tippermettilek tfittex ideat skont il-kliem, l-ID jew it-titli. Skrollja u agħżel l-ideat marbuta mal-avveniment.

PASS 5:

Meta tkun lest, tinsiex tikklikkja fuq il-buttuna “Agħlaq l-avveniment”.

PASS 6:

Meta tkun lest, ikklikkja fuq “Ippubblika!” Ir-rapport se jkun direttament disponibbli fuq il-paġna tal-avveniment tiegħek.